MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 162/2010

**MLR Imports Limited (C13900)**
**Vs**
**Emanuel Schembri (K.I. 170165M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Frar, 2010, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

1. Illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta esponenti fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf tmien mija u ghoxrin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€26,820.22), inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud, liema somma tirraprezenta l-prezz ta' merkanzija konsistenti f'gageg tal-fniek liema merkanzija giet debitament kkonsenjata lill-intimat kif jidher mill-fatturi annessi u mmarkati "Dok. A" u "Dok. B";

2. Illi minkejja t-trapass taz-zmien u l-interpellazzjonijiet li sarulu, l-intimat baqa' moruz u ma hallas xejn mill-prezz miftiehem;

3. Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt u li sa fejn jaf l-esponenti, il-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni valida x'jaghti f'din il-kawza;

4. Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €26,820.22 liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud, bhala prezz ta' merkanzija kkonsenjata lill-konvenut;

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tisma' dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €26,820.22 lis-socjeta attrici liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud, u tirraprezenta prezz ta' merkanzija li giet debitament ikkonsenjata.

Bl-Ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-11 ta' Frar 2010 fl-istess ismijiet u tal-Mandat ta' Qbid pprezentat kontestwalment, u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici u d-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Semghet lil Marie Louise Baldacchino, ghas-socjeta' attrici, tiddikjara illi l-konvenut baqa' ma hallas xejn;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma  ta' is-somma ta’ sitta u ghoxrin elf tmien mija u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€26,820.22) liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud, u tirraprezenta prezz ta’ merkanzija li giet debitament ikkonsenjata, dovuta kif inghad; Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------